MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2003

Numru 354/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**vs**

**Saviour Cachia u Alan Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati:

**Saviour Cachia** bin Anthony u Vincenza nee' Schembri imwieled Pieta' fil-31 ta' Mejju 1981 u residenti f'Block 5, Flat 3, Triq il-Madonna tal-Grazzja, Bormla detentur ta' karta ta' identita numru 271481(m); u

**Alan Grima** bin Anthony u Anna nee' Borg imwieled Pieta' fis-26 ta' Dicembru, 1982 u residenti f'Block 8, Unit

1, Qasam tal-Bini Rinella Kalkara detentur ta' karta ta' identita numru 115782(m); akkuzati talli:

1. fis-17 ta' April 2000 ghall-habta ta' 8.00p.m. gewwa Haz Zabbar ikkommettew serq ta' set ta' televizjoni ghamla Hitachi li l-valur tieghu kien ta' aktar minn mitt lira izda inqas minn hames mitt lira ghad-dannu ta' Casha Giuzeppa, liema serq kien ikwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin, bi ksur tal-artikoli 261(b) (c) (e) (f), 263(a), 267, 269(g) 270, 278(3) u 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Saviour Cachia wahdu akkuzat ukoll talli f'dawn ic-cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li giet definittivament deciza fit-22 ta' Marzu 2000.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi;

Ikkunsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati li ppersistew fiha anka wara li l-Qorti tahtom zmien jahsbuha. Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 267, 269(g), 270, 278(3), 279, 280, 49, 50, u 17 tal-Kap 9 u semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena tiddeciedi li tqieghed lill-imputati taht probation ghall-perjodu ta' tlett snin kull wiehed.

Il-Qorti tiddikjara li fl-ghoti tal-piena lil Saviour Cachia hadet in konsiderazzjoni l-ksur tal-provvediment da parti tieghu tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 b' sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-22 ta' Marzu 2000.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------